MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 6/2011

**Carmel Pullicino**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Pullicino datat 12 ta' Mejju 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar [it-Tribunal] tas-26 t'April 2011 li permezz taghha t-Tribunal cahad appell minn avviz ta' twaqqif u ta' twettiq ipprezentat mir-rikorrenti.

Illi t-Tribunal cahad l-appell tar-rikorrent a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"*Appelli minn Avvizi simili huma regolati bl-artikolu 86 [12] et seq. tal-Att X tal-2010 Kap 504, precedentment mill-artikolu 51 et seq tal-Kap 356;*

*Skont l-istess artikolu t-Tribunal jilqa' l-appell kemm-il darba jirrizultalu li l-izvilupp imsemmi fl-Avviz hu kopert bil-permess jew li ma jirrikjedix I-permess.*

*Skont is-subinciz [b] tal-istess artikolu f'kull kaz iehor l-appell jigi michud."*

Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

1. L-appellant huwa inkwilin ta' territorju vast ta' art ta' 'l fuq minn sebghin tomna il-Wardija. Il-kirja hija wahda agrikola u l-qbiela tithallas lid-Dipartiment tal-Artijiet;

2. L-appellant fl-appell tieghu sostna li huwa jaf li meta missieru zmien ilu kien ghadu inkwilin kien intefa' xi terrapien minn terzi u jaf li missieru kien zera' l-prinjol ['l fuq minn hames mija (500)] fuq parti mis-sebghin [70] tomna pero' ma jistax jinghad kemm mis-sebghin tomna huma milqutin bl-avviz kif gie spjegat waqt I-appell,

3. IIIi waqt il-gbir tal-provi l-appellant sostna ulterjorment li:-

a) Ma giex ippruvat fejn sar l-allegat ksur u dan specjalment ghaliex l-avviz ta' twettiq ma kienx akkumpanjat minn pjanta kompleta li turi fejn jezisti l-*infringment;*

b) L-avviz ta' twettiq ma jistax jigi mwettaq ghaliex jekk is-sit huwa nkluz fis-sit li jidher fuq id-dokument ezebit minn Mark Cini [Dokument "MC 1"] dan huwa kopert b'sigar maturi tal-prinjol liema sigar huma protetti skont il-ligi u ghalhekk ma jistghux jitnehhew hlief skont ordni specjali u certament mhux skont awiz ta' twettiq

IIIi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :-

A. Preliminarjament it-Tribunal ghamel enuncjazzjoni hazina tal-ligi meta stqarr li appell fuq ordni jew avviz ta' twaqqif seta' jintlaqa' biss jekk l-izvilupp huwa kopert b'permess jew jekk jintwera li l-izvilupp ma jirrikjedix permess.

B. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju *data ma non concesso* li t-Tribunal huwa marbut minn parametri legali fil-kompetenza tieghu skont l-emendi tal-**Att X tal-2010,** l-istess Tribunal kellu javza lill-appellanti li kellhom appell pendenti fi stadju avvanzat fuq parametri bbazati fuq il-ligi precedenti u jaghtihom opportunita' jipprezentaw aggravji ulterjuri tenut kont l-istess emendi.

C. Subordinatament it-Tribunal naqas jindirizza l-aggravji tal-appellant rigward in-nuqqasijiet tal-Awtorita' fil-hrug tal-avviz tat-twettiq mertu tal-appell.

D. Ulterjorment it-Tribunal naqas japprezza s-sottomissjonijiet legali rigward l-import tal-**Avviz Legali 12 tal-2001** kif emendat bl-**Avviz 426 tal-2007.**

**A. It-Tribunal ghamel enuncjazzjoni hazina tal-ligi.**

Illi l-**Att X tal-2010** dahhal fis-sehh emendi sostanzjali fil-ligi li tirregola l-Ippjanar fosthom emendi fir-regoli dwar il-hrug ta' avvizi jew ordnijiet ta' waqfien. It-Tribunal sostna li fil-kaz ta' appelli minn avvizi ta' waqfien huwa seta' jilqa' appell biss jekk l-appellant juri jew li l-izvilupp huwa kopert b'permess jew juri li ma kienx hemm bzonn permess. It-Tribunal ibbaza r-ragunament tieghu fuq is-segwenti (**Kap 504 artikolu 86**)

*(12) Kull persuna li thoss ruhha aggravati minn xi ordni jew avviz notifikat lilha tista', fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika tal-avviz jew l-ordni, tappella kontra tieghu lit-Tribunal, u meta jsir appell bhal dak it-Tribunal:*

*(a) jekk ikun sodisfatt li l-licenza jew il-permess ikun inghata taht dan l-Att, jew taht xi ligi ohra li qabel dan l-Att kien jirregola l-attivita in kwistjoni jew permessi tal-bini, ghall-attivita` jew zvilupp li l-ordni jew l-avviz ikun jirreferi*

*ghalih, jew li ebda lijenza jew permess ma kien mehtiea fir-rigward tiegfiu, skont il-kaz, u li l-kondizzjonijiet li ghalihom tali licenza jew permess inghata jkunu gew imharsa, ghandu jannulla l-ordni jew avviz li ghalih ikun sar l-appell jew dik il-parti tieghu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;*

*(b) f'kull kaz iehor, ghandu jichad l-appell.*

Illi bl-akbar rispett din hija nterpretazzjoni hazina tal-ligi dwar il-poteri u funzjonijiet tat-Tribunal *stante* li hemm diversi sitwazzjonijiet u cirkostanzi li jistghu jwasslu t-Tribunal sabiex jilqa' appell dwar avviz jew ordni ta' waqfien *oltre* dak imnizzel fl-**artikolu 86 tal-Kap 504**. Dan johrog mil-ligi stess. Hekk nghidu ahna, l-**artikolu 86 [18]** jezigi li kull avviz jew ordni ghandu jkollha maghha pjanta tas-sit in kwistjoni. *(Kull avviz jew ordni mahruga taht din it-Taqsima ghandha tkun akkumpanjata minn pjanta ta' sit).* Isegwi, logikament li kwalunkwe avviz jew ordni li jkun nieqes minn din il-pjanta jkun null u bla effett. Bl-interpretazzjoni tat-Tribunal, appellant li jappella minn ordni jew avviz f'kaz bhal dan li jkollu bhala l-aggravju principali tieghu n-nuqqas ta' pjanta li jidentifika s-sit jitlef l-appell tieghu *a priori* ghaliex la jista' jinhareg permess u lanqas jista' jintwera li m'ghandux bzonn ta' permess!

Jigi bir-rispett sottomess li fuq dan l-aggravju biss l-appell ghandu jigi milqugh ghaliex d-decizjoni ghandha motivazzjoni hazina u hi dik li tissejjafi *bad law.*

Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma' dan l-appell glialiex kif gie enuncjat korrettement fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Martin Debrincat vs Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar et** tat-23 ta' Frar 2005, *ai termini* tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** fejn dritt ta' appell jezisti fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord [taI-Appell] "dan ifisser illi biex din il-Qorti jkollha gurisdizzjoni f'kazijiet bhal dan ikun irid jintwera li l-appell ikun bazat fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord." Ara **Trimeg Limited vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent** u l-Ippjanar tat-24 ta' Frar 2011 [ PA per Imhallef Dr Raymond C, Pace ] fejn hemm rassenja tas-sentenzi dwar id-definizzjoni ta' *punt ta dritt*

kif wkoll **Francis Mugliett vs Awtorita` tal-Ippjanar** Appell 31 ta' Mejju 1996 u **Zaren Camilleri vs Awtorita` tal-Ippjanar,** Appell, 28 ta' Frar 1997.

Illi f'dan l-appell ghandu bir-rispett jirrizulta lil din il-Qorti li l-aggravju huwa dwar punt ta' dritt li gie trattat mill-Bord u li d-decizjoni dwar dan il-punt tirrizulta mis-sentenza.

**B. Bdil ta' ligi waqt it-trattazzjoni tal-appell.**

Illi huwa pacifiku li l-**Att X tal-2010** dahal fis-sehh fi stadji differenti fl-ahhar tas-sena 2010 (30 ta' Novembru 2010, 31 ta' Dicembru 2010 u 11 ta' Marzu 2011). L-**Avviz Legali 27 tal-2011 tal-25 ta' Jannar 2011** [Dok X] tenna li l-appelli kollha li ma kienux differiti ghas-sentenza kellhom jinstemghu mit-Tribunal.

Illi ghalhekk f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad l-ewwel aggravju u tiddeciedi li t-Tribunal huwa limitat fil-gurisdizzjoni tieghu fil-kazijiet ta' ordnijiet jew avvizi ta' waqfien il-posizzjoni tkun fis-sens li l-poteri tat-Tribunal ikunu rikonoxxuti bhal differenti minn dawk tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

Il-poteri tal-Bord tal-Appelli gew stabbiliti mill-**artikolu 14 u 15 tal-Att tal-Ippjannar tal-1992.**

Il-Bord tal-Appell kellu gurisdizzjoni: *(Ara Prof Kevin Aquilina Development Planning Legislation The Maltese Experience pagni 126 sa 129)*

*"to hear and determine all appeals made by a person aggrieved by any decision of the Planning Authority <u>on any matter of development</u> control, including the enforcement of such control* (*Ara* **Michael Saliba vs Planning Authority** *15/11/96 appell 274/95KA )"*

Illi l-appellant gie "akkuzat *ai termini* tal-**artikoli 52 u 55A tal-Att 1 tal-1992**

Illi huwa ghalhekk pacifiku li meta gie pprezentat l-appell fl- 24 ta' Frar 2005 ir-regim legali kien wiehed totalment

differenti u dan principalment ghaliex il-Bord tal-Appell ma kellux xkiel legali fl-ambitu tal-gurisdizzjoni tieghu.

Illi ladarba kien hemm din il-bidla radikali isegwi li t-Tribunal kellu jaghti l-opportunita lill-appellant sabiex jaghmel sottomissjonijiet skont ir-regim gdid introdott fis-snin. 2010/2011. Dan ma kienx semplici bdil tal-ufficjali tal-Bord bhal meta kawza titkompla quddiem gudikanti differenti imma bdil fil-ligi sostantiva.

Illi huwa pacifiku u ghandu jirrizulta mill-verbali li dan ma sarx u ghalhekk it-Tribunal kiser il-prinipju fundamentali tal-gustizzja naturali ta' *audi alteram partem* u dan ghas-semplici raguni li ma tax l-oportunita` lill-appellant isemma' lehnu tenut kont il-paramteri godda li t-Tribunal hass li kien marbut bihom.

Il-principju ta' *audi alteram partem* mhuwiex principju *in vacua* li jippermetti lill-appellant li jaghmel sottomissjonijiet minghajr direzzjoni, izda l-appellant ghandu jinghata d-dritt illi jressaq sottomissjonijiet fid-dawl tal-binarji tal-kawza. L-appellant ghandu dritt ghal smigh xieraq u n-nuqqas tat-Tribunal li jaghti opportunita` lill-appellant li jressaq l-aggravji tieghu fil-konfront tal-bidliet fil-kompetenza tat-Tribunal, bidliet illi caqalqu totalment il-binarji tal-procedur, iwasslu ghal *prima facie* ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**.

C. L-avviz ta' twettiq huwa rregolari.

Illi f'applikazzjoni ta' kwalunkwe ligi [dik qabel jew wara li dahlu l-emendi tal-2010] l-avviz ta' twettiq huwa irregolari ghaliex nieqes minn pjanta kompleta tas-sit.

Huwa sottomess li l-Awtorita` kienet obbligata ex *lege* taghti dettalji ezatti dwar l-allegat ksur u dan l-obbligu gie anke rifless fil-pubblikazzjoni tal-**Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn fl-**artikolu 85 [6]** (Qabel **artikolu 52 [3] [4] tal-Kap 356**) gie espressament miktub li kwalunkwe ordni ta' twettiq ghandha jkollha certu karatteristici:

*(6) Kull ordni jew notifika maghmulin taht dan l-artikolu ghandu jkun fihom deskrizzjoni dettaljata tal-ksur allegat u fejn applikabbli, pjanta li tindika l-art li tkun tifforma s-suggett ta' avviz bhal dak ghandha tkun annessa mieghu.*

Il-ligi bla tlaqliq tesigi dawn id-dettalji mhux kapriccjosament imma sabiex is-sit ikun identifikabbli. It-test uzat l-anqas huwa wiehed ta' xelta imma wiehed tassattiv *stante* l-uzu tal-kelma "ghandu" waqt li t-test Ingliz juza l-kelma "shall". *(a site plan indicating the land which is the subject of such a notice shall be annexed thereto)*

Id-direttorat lanqas jista' jghid li tali nuqqas ma jrendix l-avviz null u bla effett u dana ghaliex meta l-ligi riedet li kwalukwe nuqqas jigi meqjus bhala mhux importanti dan qalitu kif per ezempju hemm stabbilit fl-**artikolu 86 [4]** fir-rigward ta' notifika lill-kuntrattur u perit.

*Izda fin-nuqqas ta' konformita` mad-dispozizzjonijiet ta' dan is-**subartikolu [86 (4),** l-Awtorita` ma ghandha f'ebda kaz tinvalida xi avviz mafirug tafit is-**subartikoli (1) u (2).***

IIIi dan l-aggravvju gie njorat totalment mit-Tribunal tal-Appell ghaliex kif spjegat fl-ewwel aggravvju hass li ma kellux il-poter jiddeciedi dwaru.

**D. Is-sit huwa kopert b'sigar maturi tal-prinjol.**

IIIi Il-Bord tal-Appell diversament kompost acceda fuq l-area **kollha** mikrija lill-appellant u kkonferma li z-zona hija mhawla b'sigar maturi tal-prinjol, ewkaliptu u zebbug. Pero` din l-osservazzjoni saret fuq is-sit kollu u mhux fuq l-*area* in kwistjoni.

Kif stqarr l-appellant jekk s-sit in kwistjoni huwa dak indikat fil-pjanta li esebixxa Mark Cini bhala dokument "MC 1", mela dak is-sit huwa kopert bis-sigar tal-prinjol ossia *Pinus halepensis* . **Skont l-avviz legali 12 tal-2001 kif emendati bl-avviz legali 426 tal-2007 l-ewwel Skeda Parti B "Strictly Protected Trees"** dawn is-sigar ma jistghux jintmissu minghajr permess specjali tad-

dipartiment responsabbli ghall-ambjent in konsultazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura li huma responsabbli ghalihom. Huwa car li l-procedura uzata mill-Awtorita` meta harget l-avviz kien wiehed in kunflitt dirett ma' dan ir-regolment *stante* li skont l-**artikolu 6** l-ebda persuna ma tista' taqta' jew taqla' dawn is-sigar. (*No person shall fell or attempt to fell, cut or attempt to cut, debark or strip off or attempt to debark or strip off the bark or leaves of a tree, uproot or attempt to uproot, remove or attempt to remove timber, affix or attempt to affix something to, or in any way destroy or attempt to destroy, damage or attempt to damage, any tree or part thereof listed in Schedules I, II and III and of any tree or part thereof sited in an area listed in Schedule IV, except by way of management or surgical intervention per formed by the Department or by the Department of Agriculture or by persons authorized by these departments:*) Illi ghalhekk gie sottomess li fic-cirkostanzi attwali jkun aktar ghaqli li l-prinjol jigi salvat u ma jinqalax milli jigi fis-sehh dak li qed jintalab fl-avviz ta' twettiq.

Illi ghal darb'ohra t-Tribunal injora kompletament din is-sottomissjoni presubilment ghar-ragunijiet esposti fl-ewwel aggravju.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghogobha tirrevoka u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar tas-26 ta' April 2011 fl-ismijiet **Carmel Pullicino vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-ispejjez** kontra l-istess Awtorita`.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 14 ta' Novembru 2011 a fol 14 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir *ai termini* tal-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tat-Tribunal għandha tkun finali. Appell mill-appellant, jew minn kull partijiet oħra fl-appell, għandu jkun fil-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-**artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** minn dawn id-decizjonijiet biss fuq punti ta' ligi decizi mit-Tribunal fid-decizjoni tagħha."*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem it-Tribunal u li jkunu gew decizi mill-istess Tribunal. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza ***Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp***,*(decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996)* fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi……Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, **li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.**"*

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-Tribunal kien korrett fl-interpretazzjoni tal-ligi, senjatament l-**artikolu 86 (12) tal-Kap. 504**, u cioe' illi t-Tribunal ghandu jilqa' appell migjub quddiemu minn Avviz ta' twaqqif u ta' twettiq biss meta jirrizultalu li tali zvilupp imsemmi fl-avviz hu jew kopert b'permess jew li ma jirrikjedix permess. Kwalunkwe motivazzjoni ohra ghandha tigi michuda.

3. Illi l-punt dwar jekk il-pjanta mal-avviz kinetx dettaljata bizzejjed jew le mhix raguni a bazi ta' liema l-appell kellu jigi milqugh u kwindi, kuntrarjament ghal dak espost mill-appellant, it-Tribunal interpreta l-ligi korrettament.

4. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, m’huwiex minnu li l-appellant ma nghatax l-opportunita’ li jsemma’ lehnu.

5. Illi fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant, huwa fatt mhux kontestat mill-appellant li l-avviz kellu mieghu pjanta tas-sit *ai termini* tal-**artikolu 86 (6) u (18) tal-Kap. 504**. Dak li qed jilmenta minnu l-appellant hu li tali pjanta ma kinetx dettaljata bizzejjed. Fl-ewwel lok, il-punt dwar jekk il-pjanta annessa mal-avviz kinetx dettaljat bizzejjed *o meno* huwa punt ta’ fatt u mhux ta’ ligi, u kwindi ma jistax jitressaq appell fuq dan il-punt quddiem din l-Onorabbli Qorti. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso* li l-pjanta ma kinetx dettaljata bizzejjed, dan ma jrendix l-avviz null u bla effett. *Ubi lex voluit dixit* - imkien mill-**Kap. 504** ma jirrizulta dak li qed jallega l-appellant, u cioe’ li pjanta mhux sufficjentement dettaljata tirrendi l-avviz null u ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

6. Illi fir-rigward tar-raba’ u l-ahhar aggravju tal-appellant, fl-ewwel lok, il-punt dwar jekk is-sit jew parti minnu huwa kopert b’sigar protetti jew le huwa punt ta’ fatt u mhux punt ta’ ligi u kwindi m’huwiex aggravju li jista’ jitqies minn din l-Onorabbli Qorti, u fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-Tribunal iddecieda korretament li jichad l-appell migjub quddiemu in kwantu dawn is-sigar m’humiex koperti bil-permess mehtieg.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 26 t’April 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, fil-waqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-26 t’April 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 31 ta’ Jannar 2011 a fol 15 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-

file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Carmelo Pullicino vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Joseph Camilleri ghall-appellant prezenti u Dr. Ian Vella Galea ghall-Awtorita` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li kien hareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq skond l-**artikolu 51 u 52 tal-Att Nru. 1 tal-1992** fit-2 ta' Frar 2005 kontra l-appellanti ghaliex gie allegat li fis-sit "Ta Kosimu", Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar kien hemm ksur ta' kontroll ta' l-Ippjanar li jikkonsisti fi tfiegh ta' materjal inert bir-rizultat li ghola il-livell originali ta' terren ezistenti kif ukoll bini ta' struttura ta' madwar 8' x 8' "Dura mhux bis-sejjieh. Dwar dan sar appell fl-24 ta' Frar 2005 fis-sens huwa ma kienx ghamel xejn minn dan, ma saritx prova jekk u meta sar dan l-allegat tfiegh ta' materjal u kienet saret applikazzjoni ghall-*installation of communication antenae* fuq l-istess sit li kienet indikat ghall-approvazzjoni tal-PA 932/03 mill-*case officer* li ma kienx ikun il-kaz kieku fuq l-istess sit kien hemm zvilupp illegali. Jirrizulta li fil-mori tal-appell instemghu diversi xhieda u wkoll li id-dura tnehhiet mill-appellanti (seduta tas-27 ta' April 2009). Gie wkoll sottomess li l-appellant qatt ma tefa' l-istess materjal u dan gie kkonfermat mill-persuna li ghamlet ir-rapport originali Godfrey Bezzina tant li inghad li l-allegat tfiegh ta' materjal sar minn kontrattur S. Xeureb u ibnu; l-appellat ma giex notifikat bil-pjanta kompleta mal-Avviz ta' Enforzar u ma giex identifikat fuq il-pjanta fejn kien hemm dan l-izvilupp bla permess tant li s-sit mhux identifikabbli mill-pjanta li kellha tigi annessa b'dan li l-pjanta mhux kompluta u allura

hemm ksur tal-**artikolu 86 (6) tal-Kap. 504**, u s-sit huwa kopert b'sigar li huma protetti bl-**Avviz Legali 12 tal-2001** kif emendat **bl-Avviz Legali 426 tal-2007.**

Illi b'decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar jinghad li l-appelli minn Avvizi simili huwa regolat taht l-**artikolu 86 (12) tal-Kap. 12 – Att X tal-2010**, li qabel kien l-**artikolu 51** *et sequitur* **tal-Kap. 356**, u skond l-**artikolu 86** it-Tribunal jilqa' appell kemm il-darba jirrizultalu li l-izvilupp imsemmi fl-Avviz hu kopert bil-permess jew li ma kienx jirrikjedi permess, u f'kull kaz iehor l-appell jigi michud, u la darba t-tfiegh ta' materjal mhux kopert bil-permess u ghadu fis-sit mela l-appell gie michud u fil-fatt hekk ghamel.

Illi l-aggravji fl-appell odjern huma (a) hemm interpretazzjoni hazina ta' ligi ghaliex mhux korrett dak li sostna t-Tribunal li appell jista' jintlaqa' biss ghal dak indikat fl-**artikolu 86 (12) tal-Kap. 504** u f'kull kaz iehor jichad l-appell, u dan ghaliex hemm ragunijiet ohra fejn appell jista' jigi milqugh bhal meta l-Avviz jew Ordni in kwistjoni ma tkunx issodisfat id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 86 (18)** li jipprovdi li kull avviz jew ordni trid tkun akkumpanjata minn pjanta tas-sit li l-appellanti isostni li ma kienitx notifikata lilu u dan skond l-appellant irendi tali Avviz bhala null u bla effett; (b) li l-Avviz inhareg taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 52 u 55A tal-Kap. 356 u ghalhekk it-Tribunal kellu jaghti opportunita' lill-appellanti sabiex isemma` lehnu dwar il-konsegwenza ta' dan ir-regim regolamentari li jaffettwa appell fuq l-istess Avviz tenut kont li l-taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 14 u 15 tal-Kap. 356** il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellu is-seta` li jisma' appelli fuq kull materja ta' zvilupp inkluz l-infurzar tal-istess u dan affettwa d-dritt ta' smigh xieraq; (c) li l-Avviz ta' Twettiq huwa wiehed irregolari ghaliex ma kellux pjanta kompleta tas-sit u dan kien rikjest taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (3) u (4) tal-Kap. 356 u tal-artikolu 85 (6) tal-Kap. 504;** (d) is-sit huwa kopert b'sigar tal-prinjol li huma protetti skond l-Avviz Legali 12 tal-2001 kif emendat bl-Avviz Legali 426 tal-2007 u ma jistghux jitmessu minghajr il-permess tad-dipartiment responsabbli skond l-artikolu 6 tal-istess.

Illi ma hemmx dubju li l-aggravji kollha jikkwalifikaw bhala punti ta' dritt decizi mit-Tribunal u allura l-appell kif propost huwa skond il-ligi.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li kemm il-darba l-**Kap. 506** jigi ritenut li huwa applikabbli ma hemm l-ebda dubju li dak li sostna t-Tribunal ma huwiex korrett legalment u dan peress li appell minn Avviz ta' Twettiq jista' jigi milqugh mhux biss fil-kaz li hemm permess jew jigi pruvat li ma hemmx bzonn ta' permess, izda wkoll jekk l-istess Avviz ta' Twettiq ma jkunx hareg skond il-ligi u f'dan il-kaz skond id-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 51 u 52 tal-Kap. 356** li tahtu hareg l-istess Avviz. In partikolari jinghad li fil-hrug tal-Avviz kellhom jigu rispettati id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (4) tal-Kap. 356** li huwa ekwivalenti ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 86 (6) tal-Kap. 504** u dan apparti (jekk applikabbli) l-**artikolu 86 (16) tal-Kap. 504** u dan huwa iktar relevanti meta jidher car li wahda mill-kontestazzjonijiet tal-appellant quddiem it-Tribunal u qablu l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar kienet li l-Avviz mhux wiehed li hareg skond il-ligi ghaliex ma kienx identifikat sew fejn kien l-allegat zvilupp illegali u wkoll li ma kienx hemm pjanta tas-sit annessa mal-istess Avviz, u dan il-punt lanqas biss it-Tribunal indenja ruhu jittrattah. Ma hemmx dubju li allura l-interpretazzjoni tal-Ligi da parte tat-Tribunal hija legalment zbaljata u f'dan il-kuntest l-ewwel aggravju huwa ben fondat u dan apparti li t-Tribunal naqas minn kull aspett li jittratta s-sottomissjonijiet maghmula quddiemu mill-partijiet.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li l-ewwel li ghandu jigi deciz fuq kollox huwa liema provedimenti ghandhom japplikaw u cjoe' jekk humiex dawk taht l-Kap. 504 jew inkella dak taht l-**Kap. 356** u dan ghaliex jidher mhux kontestat li dan l-Avviz biex Tieqaf jew ta' Twettiq mertu ta' dan l-appell hareg taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 51 u 52 tal-Att Nru I tal-1992** kif l-istess Avviz jghid. Mela allura r-regim li ghandhu japplika sabiex jigi attakat tali Avviz huwa logikament dak ezistenti fil-mument li nhareg l-Avviz u meta nbdew il-proceduri ta' appell mill-istess appellant quddiem il-Bord dak iz-zmien

ezistenti b'mod li l-ebda persuna ma ghandha tigi pregudikata fil-posizzjoni taghha dwar proceduri li kienu pendenti quddiem il-Bord b'mod li hija titqieghed f'posizzjoni ghar minn dik li kienet fiha meta hija intavolat l-appell ghaliex altrimenti d-drittijiet taghha ta' smiegh xieraq jigu pregudikati, iktar u iktar meta huwa principju legali soffermat li l-ligijiet procedurali ma ghandhomx jigu applikati retroattivament. Huwa ghalhekk limitatament f'dan il-kuntest li dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tielet aggravju din il-Qorti thoss li dan il-punt kemm il-darba ppruvat huwa gustifikat ghaliex skond l-**artikolu 52 (4) tal-Kap. 356** (li huwa kwazi ekwivalenti ghall-**artikolu 86 (6) tal-Kap. 504)** tali avviz ghandu jkollu diskrezzjoni dettaljata tal-ksur allegat u wkoll tigi annessa pjanta tas-sit li tindika l-art li hija suggetta ghall-istess avviz u dan gie gja deciz fid-decizjoni fl-ismijiet **"Paul Polidano vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2005 fejn inghad:-

*"Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju li l-eccezzjoni ta' l-Awtorita' appellata ghandha tigi michuda u dan ghaliex l-appell interpost huwa bbazat fuq punt ta' ligi u peress li l-istess appellant qed jallega li fl-imsemmija sentenza hemm applikazzjoni zbaljata ta' l-**artikolu 52 (4) ta' l-Att dwar l-ippjanar u l-Izvilupp**, u dan anke jekk fid-decizjoni nnifisha dan l-artikolu per se ma jissemmiex. Dan ghaliex l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar kellu jikkonsidra ghalhekk il-merti ta' l-istess aggravji, u skond l-appellant mill-istess decizjoni dan jirrizulta li ma sarx u dan peress li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ebda stadju ma ezamina jekk ir-rekwiziti ta' l-imsemmi sub-artikolu gewx osservati, kemm f'dak li kienet l-identifikazzjoni u d-dettalji tan-nuqqasijiet allegati fl-istess avviz, kif ukoll in-nuqqas ta' pjanta ma' l-imsemmi avviz. Il-fatt li l-istess aggravji ma gewx ikkunsidrati mill-Bord ta' l-Appell, jikkostitwixxi fih innifsu punt ta' ligi appellabbli quddiem din il-Qorti".*

Illi fl-istess decizjoni inghad ukoll li:-

*"Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li punt fih innifsu jekk l-istess avviz biex tieqaf u tat-Twettiq kienx konformi mad-dispozizzjonijiet ta' l-***artikolu 52 (4) tal-Kap 356*** huwa fih innifsu punt ta' dritt li kellu l-ewwel jigi ezaminat mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.*

*Illi dan huwa ta' mportanza massima meta wiehed jikkonsidra li skond l-istess dispozizzjonijiet appena accenati jidher li l-Avviz mertu tal-proceduri odjerni huwa tenut li "ghandu jikkontjeni deskrizzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet li jkunu qed jigu allegati kif ukoll pjanta li turi s-sit li tindika l-art li hija suggetta ghal dak l-avviz* <u>*ghandha*</u> *tigi annessa mieghu". Illi huwa fid-dawl ta' dan kollu li l-istess avviz kellu jigi ezaminat, u dan meta l-mertu ta' l-appell kollu ta' l-istess appellanti quddiem il-Bord ta' l-Appell kien proprju fuq hekk kif manifestat…".*

Illi fil-fatt din kienet wahda mis-sottomissjonijiet li ghamel l-appellanti quddiem l-istess Tribunal odjern u qablu l-Bord u fil-verita' l-Awtorita' appellanti rrispondiet ghall-istess fis-sens li ghamlet l-osservazzjonijiet taghha anke dwar il-mod kif tqajjem dan il-gravam, izda dan ma gie bl-ebda mod trattat mit-Tribunal li allura minn imkien ma jidher li gie b'xi mod ezaminat kif inhareg l-Avviz mertu ta' dan l-appell, u jekk dan kienx konformi mal-Ligi jew le u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh izda minhabba dak li qed jigi ritenut, din il-kwistjoni ghandha l-ewwel tigi ezaminata mit-Tribunal u ghalhekk fil-waqt li dan l-aggravju qed jigi hekk limitatament milqugh izda l-atti qed jigu rinvjati lill-istess Tribunal sabiex il-kaz jigi deciz skond il-Ligi fid-dawl ta' dak hawn deciz.

Illi dwar ir-raba' aggravju jinghad li din is-sottomissjoni wkoll ma giet bl-ebda mod ittrattata mill-istess Tribunal u allura dan l-aggravju qed jigi milqugh fis-sens biss li li t-Tribunal ghandu jinvesti l-istess u ghalhekk l-atti qed jigu rinvjati lill-istess Tribunal sabiex dan l-aggravju jigi deciz skond il-Ligi fid-dawl ta' dak hawn deciz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 14 ta' Novembru 2011, **tilqa' l-appell interpost minn Carmel Pullicino fir-rikors tal-appell tieghu datat 12 ta' Mejju 2011,** fis-sens biss hawn deciz, b'dan illi tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"Carmel Pullicino vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tas-26 ta' April 2011** u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti kollha lill-istess Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' dak kollu deciz f'din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-Awtorita' appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------